POEŻIJA SLAVONIKA BIL-MALTI

(FIT-TRADUZZJONI MILL-ILSNA ORIĠINALI): KITBA TA' YANA PSAILA

Skont l-enċiklopedija l-popli Slavoniċi hu-mal-grupp tal-popli li jitkellmu bil-lingwi Slavoniċi u li jkunu maqsuma fi Slavi tal-Lvant (Belarussi, Russi, Ukreni, Russini), tal-Punent (Pollakki, Ċeki, Slovakki, Serbi tal-Lusazja) u tan-Nofsinhar (Bulgari, Serbi, Montenegrini, Sloveni, Kroati, Bosnijaċi, Maċedonjani). Is-Slavi huma l-akbar grupp etno-lingwistiku fl-Ewropa li l-popli tagħhom għandhom wirt letterarju kbir fil-varjetà kollha ta' ġeneri u xejriet, inkluż ir-rikkezza fil-qasam tal-kultura poetika. Nixtieq nippreżenta lill-qarrej Malti xi xogħlijiet tal-poeti nazzjonali tat-tliet pajjiżi Slavoniċi.

Irrid nirrimarka li waqt li kont qed naħdem fuq it-traduzzjoni mill-Malti għar-Russu tal-ġabra tal-poeżij ta' Dun Karm Psaila u t-tħejjija tagħha fil-format tal-pubblikazzjoni akkademika, użajt bħala sors metodoloġiku bażiku x-xogħlijiet tal-Professur Oliver Friggieri dwar il-Poeta Nazzjonali ta' Malta. Jistħoqq attenzjoni partikolari lill-klassifikazzjoni tiegħu tax-xogħlijiet poetiċi ta' Dun Karm f'ħames xejriet tematiċi. B'hekk il-Prof. Friggieri wera biċ-ċar li d-direzzjonijiet tal-ħidma tal-Poeta Nazzjonali jkopru l-aspetti ewlenin kollha tal-eżistenza tal-bniedem u tal-soċjetà Maltija, u jirriflettu b'mod wiesa' diversi aspetti tal-ħajjatal-pajjiż.

Bħala riċerkatriċi xtaqt insir naf, kemm tkun preżenti din ir-riflessjoni tal-ħajja mill-angoli differenti fix-xogħlijiet tal-poeti ta' pajjiżi oħra li jkunu rikonoxxuti bħala poeti kbar mill-komunità tagħhom? It-tweġiba pożitiva għal din il-mistoqsija tagħti, pereżempju, il-poeżija Russa fil-persuna ta' Alexander Pushkin, Sergey Yesenin u l-poeti l-oħrajn li l-qarrej Malti jista' jiffamiljarizza ruħu magħhom fil-ktieb tiegħi "Antoloġija tal-poeżija Russa" li ħarġet f'Malta fl-2019. Imma eżempju wieħed huwa biżżejjed? Għalhekk iddeċidejt li ndur għall-analiżi tax-xogħlijiet tal-poeti kbar ta' pajjiżi oħra. Naturalment din il-ħidma kienet se tinvolvi t-traduzzjonijiet għall-Malti mill-lingwi oriġinali tal-poeżiji tal-pajjiżi magħżula. Għażilt il-poeti tal-Ukrajna, il-Polonja u l-Belarus. Din l-għażla kienet determinata mill-fatt li l-għeruq etniċi tiegħi stess jinkludu komponenti Ukreni u Pollakki, it-traduzzjonijiet tat-testi poetiċi oriġinali mill-Belarussu għall-Malti kont għamilthom qabel.

Abbażi tal-approċċ tal-Professur Friggieri wieħed jista' jikklassifika skont it-temi x-xogħlijiet ta' kullp oeta, għalkemm il-kontenut tal-klassifikaturi mhux se jikkoinċidi għalkollox. Ta' min jinnota wkoll li kull poeta għandu għal qalbu xi tema partikolari li tokkupa post ċentrali f'xogħlijietu. Iżda fl-istess ħin joħroġ b'mod evidenti li dawn id-differenzi fil-klassifikazzjoni tat-temi mhux se jnaqqsu mill-konklużjoni ovvja li r-riflessjoni komplessa tal-ħajjat as-soċjetà tkun preżenti fix-xogħlijiet tal-poeti kbar kollha ta' kull pajjiż. Għalhekk ikun hemm rikonoxximent xieraq tagħhom, u l-poeti nfushom jkunu magħrufin u maħbubin ħafna mill-popli.

Bħala riżultat tal-ħidma tiegħi saru t-traduzzjonijiet għall-Malti tal-poeżiji tal-poeti kbar bħal Taras Shevchenko tal-Ukrajna, Adam Mickiewicz tal-Polonja u Yakub Kolas tal-Belarus mill-oriġinali għal-lingwa Maltija. Fihom jispikkaw dawn it-tliet temi: riflessjonijiet fuq il-patrija, deskrizzjoni tas-sbuħija tan-natura tal-pajjiż nattiv, tema dejjiema tal-imħabba.

Hawn taħt tingħata bijonota qasira ta' kull poet u l-poeżiji tagħhom bl-ilsien nazzjonali u bil-Malti li jidhru fiż-żewġ kolonni. Fuq ix-xellug ikun hemm testi bl-Ukren, Pollakk u Belarussu, rispettivament.

Taras Shevchenko (1814 - 1861) – poeta Ukren, kittieb tal-proża, ħassieb, pittur, artist grafiku, etnografu, figura pubblika. Fil-wirt letterarju tiegħu l-poeżija għandha rwol ċentrali. Ix-xogħlijiet ta' Taras Shevchenko huma meqjusa bħala s-sisien tal-letteratura Ukrena moderna u l-lingwa letterarja.

Сонце заходить, гори чорніють

Сонце заходить, гори чорніють,
Пташечка тихне, поле німіє,
Радіють люде, що одпочинуть,
А я дивлюся… і серцем лину
В темний садочок на Україну.
Лину я, лину, думу гадаю,
І ніби серце одпочиває.
Чорніє поле, і гай, і гори,
На синє небо виходить зоря.
Ой зоре! зоре! — і сльози кануть.
Чи ти зійшла вже і на Украйні?
Чи очі карі тебе шукають
На небі синім? Чи забувають?
Коли забули, бодай заснули,
Про мою доленьку щоб і не чули.

Тарас Шевченко, 1847

Nieżla x-Xemx, il-Muntanji Jiswiedu

Nieżla x-xemx, il-muntanji jiswiedu,
Jiskot l-għasfur u taqa' ħemda fuq dak il-bur.
In-nies ferħana li se tistrieħ fid-djar kennija,
Inħares 'il bogħod... u nibda ntir fi ħsibijieti
Lejn l-Ukrajna, lejn ġnejna dalmija.
Noħlom dal-ħolm, kollni ħerqan,
Qalbi dlonk 'ssib fl-aħħar serħan.
Bur sewdieni, muntanji, foresta fis-skiet,
Kewkba tielgħa fin-nir tas-smewwiet.
Stilla! Ja stilla! – u waqgħet id-demgħa.
Tidher dal-ħin f'tal-Ukrajna s-sema?
L-għajnejn skuri diġà sabuk? Jew insew, lanqas fittxuk?
Jalla li raqdu jekk ma fittxux,
Tant ikun aħjar li bi xortija
Jibqgħu ma jintebħux.

Yana Psaila. Traduzzjoni, 2022

Adam Mickiewicz (1798 - 1855) – kittieb Pollakk, poeta, traduttur, drammaturgu, għalliem, figura pubblika. Ħalla impatt qawwi fuq il-formazzjoni tal-letteratura Pollakka, Litwana u Belarussa tas-seklu XIX. Fil-Polonja huwa rikonoxxut bħala wieħed mill-aktar poeti prominenti Pollakki tal-era Romantika.

Do Laury

Ledwiem ciebie zobaczył, jużem się zapłonił,
W nieznaném oku dawnéj znajomości pytał,
I s twych jagód wzajemny rumieniec wykwitał
Jak z róży któréj piersi zaranek odsłonił.

Ledwieś piosnkę zaczęła, jużem łzy uronił,
Twój głos wnikał do serca i za duszę chwytał,
Zdało się że ją anioł po imieniu witał,
I w zegar niebios chwilę zbawienia zadzwonił.

O luba! niech twe oczy przyznać się nie boją,
Jeśli cię mém spóyrzeniem, jeśli głosem wzruszę,
Nie dbam że los i ludzie przeciwko nam stoją,

Że uciekać i kochać bez nadziei muszę.
Niech ślub ziemski innego darzy ręką twoją,
Tylko wyznaj że Bóg mi poślubił twą duszę.

Adam Mickiewicz, 1826
Lil Laura

Xħin rajtek dlonk ħassejt